IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

6 ta' Mejju 2017
36/2017

# PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN F'GĦELUQ IL-100 SENA MID-DEHRIET TAL-MADONNA TA' FATIMA

Fl-okkażjoni tal-100 sena mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017, ser isir pellegrinaġġ djoċesan li jibda mill-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema, u jintemm fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima, Gwardamanġa/Pietà. Matul il-pellegrinaġġ, li ser jitmexxa mill-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona, l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima ser taqsam bil-baħar mix-Xatt ta' Tas-Sliema sa Xatt it-Tiben, Tal-Pietà, waqt li tinġarr minn tas-Sliema għal Gwardamanġa. Din hi l-ewwel darba li l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima bit-tlett itfal rgħajja, li tinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, ser taqsam il-baħar fuq dagħjsa wara li waslet Malta u ttieħdet tas-Sliema bil-baħar fl-1948.

Il-pellegrinaġġ ser jibda fis-6:00 p.m fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema, b'taħdita minn Patri Vince Micallef, Dumnikan, dwar id-dehriet tal-Madonna ta' Fatima. Fis-6:30 p.m., Mons. Pawlu Cremona ser jikkonċelebra Quddiesa fl-istess knisja.

Fis-7:15 p.m., tibda l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li tgħaddi mit-toroq ta' Tas-Sliema sax-xatt, fejn l-istatwa taqsam bil-baħar fuq dgħajsa lejn Xatt it-Tiben. Minn tal-Pietà, il-purċissjoni tkompli lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Fatima. Il-pellerinaġġ jiġi fi tmiemu fuq iż-żuntier tal-knisja, bil-konsagrazzjoni tal-familji u l-barka sagramentali.

L-Insara kollha huma mħeġġa jattendu għal dan il-pellegrinaġġ djoċesan u jressqu t-talb tagħhom lill-Madonna għall-interċessjoni tagħha.

Kien fit-13 ta' Mejju 1917, fl-għalqa ta' Cova da Iria, fil-Portugall, li dehret għall-ewwel darba l-Madonna lit-tlett itfal ragħajja: Lùcia dos Santos ta' 10 snin, u l-kuġini tagħha Francesco Marto ta' 9 snin u Giacinta Marto ta' 7 snin. Il-Papa Franġisku ser iżur il-Portugall fit-12 u t-13 ta' Mejju li ġej, fejn ser jiddikjara lil Francesco u Giacinta Marto bħala qaddisin.


**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**